MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 100/2008

**Matthew Psaila**

**ID 245780M**

**Vs**

**Speedy Pitstop Co  Ltd**

**C 23960**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Jannar, 2008 fejn intqal illi l-attur fil-15 ta' Ottubru 2007 mela l-karozza tieghu GBN-156 bid-diesel mill-pompa Speedy Service Station liema pompa hija gestita mis-socjeta' konvenuta. Illi ftit granet wara l-vettura garbet hsarat konsiderevoli u kellha tiddahhal ghat-tiswija, stante li d-diesel li xtara l-attur minghand is-socjeta konvenuta kien imhallat bl-ilma.

Illi b'konsegwenza ta' dan, l-attur soffra hsara u danni li jammontaw ghal sitt mija u hamsa u erbghin lira maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm645.26) ekwivalenti ghal elf hames mija u tlett ewro u hames centezmi (€1,503.05).

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara d-danni gew kawzati mis-socjeta konvenuta u li jammontaw ghal elf hames mija u tlett ewro u hames centezmi (€1,503.05) u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur dan l-ammont.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 7 ta' Novembru, 2007 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta.

Illi wara li giet debitament notifikata s-socjeta konvenuta pprezentat risposta fl-14 ta' April, 2008 fejn eccepiet illi fl-ewwel lok il-post fejn gew ricevuti l-atti ma tezisti l-ebda kumpanija bl-isem Speedy Station Limited bin-numru ta' registrazzjoni C 23960 izda l-kumpanija li tiggestixxi n-negozju mill-istess indirizz hija Speedy Pitstop Co. Ltd bin-numru ta' registrazzjoni C 34358 u ghalhekk il-kumpanija konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizju.

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost il-kumpanija konvenuta qed tirrispingi kwalunkwe responsabbilta ghad-danni allegati.

Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-attur irid jipprova d-danni allegati u;

Fir-raba lok u bla pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati huma esagerati.

L-attur fil-15 t'April, 2008 l-attur talab korrezjoni fl-isem tal-kumpanija konvenuta.

Xehed l-attur Mathew Psaila u spjega kif fil-15 ta' Ottubru, 2007 ha d-diesel minghand il-pompa konvenuta u wara li saq ftit metri u tefa l-karozza din ma riditx tistartja. Ha l-karozza ghat-tiswija ghand Kind's u wara gimgha infurmawh illi kien l-ilma fil-fuel u kien ghalhekk illi l-magna kellha l-hsara. Il-karozza baqghet ghat-tiswija madwar tlett gimghat peress illi ma kellhomx il-parts mehtiega. Il-hsara gie msewwija u l-attur hallas il-kont. Xehed ukoll illi kien talab lil Enemalta sabiex isiru testijiet fur il-petrol station. Kien hawnhekk illi gie infurmat mill-Inginier tal-Enemalta illi filfatt kien instab l-ilma fil-pompa tal-petrol. Qal ukoll illi kien jaf zewg min-nies ohra li gralhom bhalu meta hadu l-fuel mill-istess petrol station u filfatt l-attur jsemmihom b'isimhom u cioe Carl Peralta u Antoine Abela u li ghandhom Renault Megan sewda u Freelander rispettivament.

Fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Gunju, 2009 l-attur qal illi biex jimla t-tank tal-petrol huwa jitfa madwar hamsa u tlettin lira maltin (Lm35) u cioe' ekkwivalenti ghall-wiehed u tmenin ewro tlieta u hamsin centezmu (€81.53) pero dak inhar tefa Lm15 u pprezenta l-mamma tac-cekk a fol 64 tal-process. Spjega wkoll illi wara li kellem lil Carl Peralta dan kien infurmah illi gralu l-istess pero ma kellux provi bizzejjed biex imexxi u kompla jikkonferma illi kienu tal-Enemalta stess li semmewlu lil certu Antoine Abela li kienet gratlu l-istess hsara u filfatt kien kellem ukoll lil dan Antoine Abela pero wara ma kienx hemm iktar kuntatt.

Fit-3 ta' Marzu, 2009 xehed Philip Borg li qal illi huwa l-Inginier tal-Enemaltau kien hu li baghat l-inspector jaghmel testijiet fil-petrol station in kwistjoni wara li kien hemm complaint minghand l-attur li kienet waqfitlu l-karozza wara li ha d-diesel minn din il-petrol station. L-inspector filfatt qal li sab madwar pulzier u nofs ilma fit-tank tal-fuel u kien tah il-parir illi jtella dan l-ilma.

Huwa spjega illi meta jkun hemm l-ilma fil-fuel dan jikkontamina l-fuel u jaghmel il-hsara fil-vetturi. Li jigri huwa li minkejja li l-pipe tal-pompa tal-fuel ma jkunx submerged tal-qiegh imma meta jigi l-bowser jimla l-fuel dan ihallat l-ilma li jkun hemm fil-qiegh.Normalment l-ilma ma jithallatx mal-fuel izda jekk ikun imqanqal mill-bowzer allura jithallat. Qal ukoll illi jekk ikun hemm l-ilma fil-fuel fl-interface bejn l-ilma u l-fuel jitrabba l-bacteria li taghmel hsara ukoll.

Dan ix-xhud qal ukoll illi mhux anormali li jkun ilma fit-tank tal-pompa u dan jista jkun gej mill condensation jew leakage tal-ilma tax-xita meta t-tapp tal-fuel tank ma jkunx maghluq sew. Izda qal ukoll illi pulzier u u nofs ilma difficli li jkun rizultanti minn condensation.

Xehed Joseph Camilleri li huwa l-Petrol Inspector tal-Enemalta. Wara li kien ghamel inspection kien sab madwar pulzier u nofs ilma u dan l-ilma kien tellghuh.

Xehed ukoll Antoine Izzo.

Etienne Ellul prodott mill-attur xehed fl-20 t'April, 2009 jghid illi huwa technician mas-socjeta Autosales Limited. Qal illi fit-18 t'Ottubru, 2007 kienet dahlet il-vettura tal-attur peress illi ma kinitx qed tistartja. Spjega illi filfatt kienu sabu l-ilma fit-tank tal-fuel u kellhom jinbidlu erbgha injectors tal-magna u tigi kkowdjata l-magna.

Xehed David Spiteri prodott mis-socjeta konvenuta u qal illi huwa l-pump attendant tal-petrol station Speedy Pitstop u jaf lill-attur peress illi kien mar jghajjat u jsostni li kont tajtu diesel imhallat bl-ilma. Xehed ukoll illi hadd iktar ma gie bl-istess problema tal-attur.

Fit-18 ta' Mejju, 2010 xehed Mario Fenech li huwa d-direttur tas-socjeta konvenuta u spejga kif inhuma l-istorage tanks tal-pompa tal-petrol. Spejga li isfel fil-pompa hemm samp illi jibqa fih il-fuel u jekk ikun hemm l-ilma jibqa hemm u ma jithallatx mal-ilma. Qal ukoll li dak inhar tal-incident sar hafna bejgh normali u kien ilmenta biss l-attur. Qal illi peress illi l-ilma u d-diesel ma jithalltux allura l-ilma jinzel fil-qiegh tat-tank liema ilma setgha kien gej minn condensation. Qal ukoll illi peress illi l-pipe tal-pompa ma jibqax niezel sa isfel allura l-ilma ma setax jittella mis-samp meta l-attur ha d-diesel.

Mistoqsi meta kien l-ahhar illi ntela t-tank bid-diesel qal illi ma jiftakarx pero kellu r-records u pprometa li jgib dan pero dawn ir-records qatt ma gew pprezentati mill-konvenuta u kienu biss ipprezentati dokument li juru l-bejgh li sar fil-granet qabel u wara l-incident liema dokumenti jinsabu a fol 81, 82 u 83 tal-process.

It-Tribunal ikkunsidra illi din il-kwistjoni hija wahda li l-attur qed jallega li saritlu hsara wara li ha d-diesel minghand il-konvenuta liema diesel allegatament kien imhallat bl-ilma. Is-socjeta' konvenuta tghid illi minkejja li nstab l-ilma fil-pompa tal-petrol dan ma setax ikun ta' hsara peress illi l-ammont kien ftit u kien hemm is-samp li l-pipe tal-pompa ma jibqax niezel sas-samp imma jieqaf il fuq biex hekk ma jtellax fuel tal-qiegh. Minhabba f'hekk l-ilma li kien hemm ma jithallatx mal-fuel u allura kien jinzel taht id-diesel u jibqa gos-samp. Dan pero gie spegat wkoll mill-Enginier tal-Enemalta li spejga u kkonferma dan kollu pero zied jghid illi jekk l-istorage tal-pompa kien gie jimtela mill-bowser dan kien iqanqal kollox u allura l-ilma jithallat mal-fuel. Spjega wkoll dwar il-bacteria li titrabba bejn id-diesel u l-ilma li taghmel il-hsara wkoll.

It-Tribunal wara li ra d-dokument pprezentati, ra wkoll l-invoice ta Kinds a fol 38 tal-process u mmarkata bhala Dok MP1. Dan id-dokument minkejja li fih hafna zbalji fid-dati jidher illi jispejga dak li gara fil-karozza tal-attur. Filfatt id-dokument a fol 51 tal-process id-dokument juri li l-karozza ddahlet fit-18 ta' Ottubru, 2007 mentri l-attur ha l-petrol fil-15 ta' Ottubru, 2007 dan pero setgha gara peress illi l-15 ta'Ottubru kien il-gimgha u allura l-karozza giet irregistrata t-tnejn. Fid-dokument a fol 38 jidher illi minkejja d-dokument tal-cash sale hareg fit-30 ta' Ottubru t-timbru tal-pagament juri li sar fit-3 ta' Ottubru u dan it-Tribunal qed iqisu bhala zball fit-timbru ta' Kinds illi minflok kien qed jittimbra 30 kien qed jittimbra 03.

It-Tribunal wara li sema x-xiehda kollha u ra d-dokument u qabbel dak li spjega l-Inginier Philip Borg ma dak li qal Mario Fenech d-direttur tal-kumpanija konvenuta u fin-nuqqas tal-prova ta meta imtela l-istorage tal-pompa mill-bowzer, jasal ghal konkluzjoni illi l-hsarat fil-magna tal-karozza tal-attur registrata bin-numru ta' registrazzjoni GBN 156 gew kawzati mis-socjeta konvenuta u ghalhekk jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna s-socjeta Speedy Pitstop Co ltd thallas lil attur l-ammont ta' elf hames mija u tlett ewro u hames centezmi (€1,503.05) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu tlett kwarti a karigu tas-socjeta konvenuta u kwart a karigu tal-attur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------